MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 346/2005

**A B f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem tat-tifel minuri C**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet:

Premess illi in forza ta' kuntratt ippublikat min-Nutar Sandro Schembri Adami fis-6 ta' Dicembru, 1995 l-attrici u l-konvenut isseparaw legalment (Dokument A), u skond l-istess kuntratt il-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-mara s-somma ta' hamsin liri Maltin (Lm50.00) fix-xahar bhala manteniment ghal binhom minuri C;

Premess illi l-bzonnijiet attwali ta' l-imsemmi tifel tal-partijiet, fid-dawl ukoll tac-cirkostanzi tallum jindikaw illi r-

rata ta’ manteniment gja’ stabbilita ghalih ghandha tigi awmentata;

U premess illi ghalkemm sar tentattiv biex issir revizjoni ta’ l-imsemmija rata ta’ manteniment b’ mod bonarju, ma setax jintlahaq qbil bejn il-partijiet u l-attrici giet awtorizzata biex tipprocedi b’ din l-istanza skond digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tas-26 ta’ April, 2005 (Dokument B);

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddeciedi li hemm lok, fl-interess tat-tifel minuri C tal-partijiet, li jigi varjat il-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ l-istess partijiet ippubblikat min-Nutar Sandro Schembri Adami fis-6 ta’ Dicembru, 1995, kif fuq spjegat, u dan fis-sens illi l-konvenut ikun obbligat li jhallas lill-attrici ghall-binhom C rata ta’ manteniment li minn dik stabbilita skond il-kuntratt riferit tigi awmentata b’ mod xieraq; u konsegwentement

2. Tiffissa r-rata ta’ manteniment li l-konvenut ikun obbligat ihallas lill-attrici ghal binhom minuri C, b’ dawk il-provvedimenti li joghgobha timponi din il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa illi prezentement:

1. Illi prezentement l-konvenut qieghed ihallas is-somma ta’ hamsin liri Maltin (Lm50) mensili bhala manteniment ghal binhom C;

2. Illi jigi rilevat illi dan l-ammont gie stabbilit bejn il-partijiet fil-kuntratt ta’ separazzjoni taghhom a bazi tal-qaghda finanzjarja tal-konvenut u a bazi tal-introjtu mensili li kien jippercepixxi l-istess;

3. Illi l-posizzjoni ekonomika tal-konvenut ma nbidlitx u l-introjtu tal-istess ghadu identiku u ghalhekk varjazzjoni

tal-imsemmi ammont ta' manteniment jservi ta' pregudizzju ghal qaghda finanzjarja tal-eccipjent;

4. Illi jigi inoltre rilevat li l-attrici tahdem u ghandha introjtu fiss mensili u ghalhekk t-talba taghha ghal varjazzjoni fl-ammont ta' manteniment hi wahda frivola gjaladarba mill-introjtu taghha hi tista' tikkontribwixxi ukoll ghall-bzonnijiet tal-minuri, kif del resto qed jaghmel il-konvenut tramite il-Lm50 mensili li jghaddi lill-istess minuri;

5. Illi ghal dawn il-motivi il-fatt li l-attrici tahdem u l-fatt li l-konvenut jghaddi Lm50 fix-xahar lill-minuri, C, bhala manteniment, meta abbinati flimkien, jkopru l-bzonnijiet ekonomici li l-istess minuri ghandu u li jista' jinneccessita'.

Rat id-dikjarazzjonijet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni ffirmat mill-partijiet fis-6 ta' Dicembru 1995, billi jigi awment il-quantum tal-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici, ghal binhom C.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jopponi ghal din it-talba in bazi ghas-segwenti: [1] li l-ammont kien pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt tas-separazzjoni personali taghhom; [2] li l-pozizzjoni ekonomika tal-konvenut ma nbidlitx; u [3] li l-attrici tahdem u ghandha ntrojtu fiss mensili.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li fis-6 ta' Dicembru 1995 il-partijiet kienu ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fejn, inter alia, kienu ftehmu li "ir-ragel ghandu jaghti l-ammont ta'

hamsin lira maltin [Lm50] fix-xahar lill-mara bhala manteniment ghall-istess binhom C..”[1] Mill-istess att, jirrizulta li f’ dak iz-zmien it-tifel kellu tlett [3] snin, u ghalhekk illum ghandu mas-16-il sena.

Illi l-attrici tispjega li maz-zmien l-ispejjez tal-minuri gholew peress li t-tifel kiber, u li l-manteniment ta’ Lm50 dovut mill-missier ma baqax aktar adegwat ghall-bzonnijiet tat-tifel. Minn lista’[2] prezentata minnha u li turi breakdown ta’ l-ispejjez, jirrizulta li l-ispejjez tal-minuri jammontaw ghal-Lm2,385 fis-sena, liema ammont ma giex kontestat mill-konvenut. Rigward l-introjtu taghha l-attrici, li tahdem bhala staff nurse, ipprezentat dokument[3] li juri l-ntrojtu nett ghas-sena 2006 fl-ammont ta’ Lm7,561.73.

L-attrici tghid li, sakemm it-tifel kien ghadu jattendi skola primarja privata, bi ftehim bejn il-partijiet, il-hlas ta’ l-iskola dejjem sar mill-konvenut, filwaqt li hi kienet thallas il-bzonnijiet kollha tal-minuri komprizi, l-uniformijiet, trasport u kotba; izda din l-ghajnuna da parti tal-konvenut waqfet hesrem hekk kif it-tifel dahal fi skola tal-Knisja. Din l-affermazzjoni ta’ l-attrici ma ssibx kuntrast fil-provi tal-konvenut.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jghid li huwa jahdem ghal rasu, u jaghmel xoghol ta’ bajjad u kisi bil-gibs. Jghid li l-introjtu tieghu mis-sena 1995 ’il quddiem baqa’ “sostanzjalment l-istess, u b’ hekk ma nistax nghati aktar manteniment milli qed naghti llum.”[4] Huwa pprezenta kopja ta’ balance sheets li juri l-introjtu nett annwali tieghu ghas-snin 2000 sa 2005.

Mid-dokumenti[5] ezebiti minnu jirrizulta li fis-sena 2005 huwa dahhal introjtu nett ta’ Lm3,186; u fix-xhieda tieghu, moghtija fil-11 ta’ Jannar <u>2008</u>, huwa jghid li “dwar id-dhul nett tieghi f’ Dicembru 2006 inwiegeb li ma niftakarx x’ kien … [u] ghas-sena li ghadha kif ghalqet [2007] m’

[1] Fol.5 *et seq.*
[2] Fol.66 – lista prezentata max-xhieda taghha tal-11 ta’ Jannar 2008
[3] Fol.65
[4] Fol.49
[5] Fol.50 et seq.

ghamiltx rendikont. Ma nafx huwiex izjed jew inqas minn dan l-ammont. Nahseb li fil-fatt ix-xoghol qed jonqos u qed naghmel volontarjat …. ghaliex ikolli hin hieles, u allura ma nkunx okkupat bix-xoghol."[6]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi l-obbligu li jmantnu lill-ulied minuri jirrisjedi fuq iz-zewg genituri skond il-mezzi taghhom, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri;

[2] Illi dwar konvenzjoni maghmula bejn il-partijiet li tikkoncerna lil binhom minuri, il-principju pacta sunt servanda jissubixxi deroga, fil-materji li jikkoncernaw lill-minuri mill-qrib, u meta l-interessi tal-minuri jkunu hekk jiddettaw. Dan isib il-bazi legali tieghu fl-artikolu 149 tal-Kap.16, li huwa applikabbli anke ghall-kazijiet ta' manteniment dovut ghall-minuri, stante li l-quantum tieghu jista' jimpingi fuq l-aspett tal-kura u kustodja tal-minuri akkordata lill-parti.[7]

[3] Illi ghandu jkun ovvju u ndiskutibbli li l-ispejjez inkorsi ghall-minuri jikbru hekk kif jikber il-minuri; u ghalhekk fil-kaz odjern, huwa car li miz-zmien li fih sar il-kuntratt tas-separazzjoni meta allura t-tifel kien ghad kellu biss tlett [3] snin, saz-zmien tallum, fejn t-tifel ghandu sittax [16] – il sena, l-awment fl-ispejjez huwa wiehed sostanzjali.

Dan gharrfu l-istess konvenut li ghal sitt snin shah, meta l-minuri kien ghadu jattendi skola privata, huwa kien hallas il-mizata ta' l-iskola tat-tifel; liema fatt ma giex kuntrastat mill-konvenut fix-xhieda tieghu, u l-Qorti qed tikkunsidrah bhala veritier.

[6] Fol.44

[7] Vide – AC. AvsB deciza 15.12.1997; u PA[VDG] Catherine Borg vs Raymond Borg 27.07.2002

[4] Illi l-ammont li jigi stabbilit li parti ghandha thallas lill-parti l-ohra bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-minuri fdata lil din il-parti, huwa dovut ghal u fl-interess uniku tal-minuri, u mhux tal-parti. Fi kliem iehor, fil-kaz prezenti, l-obbligu tal-konvenut ghall-manteniment ta' ibnu minuri huwa obbligu dirett lejn u ntiz favur il-minuri.

[5] Illi l-oneru tal-prova tal-fatt allegat mill-konvenut, li hu ma rregistrax awment fl-introjtu tieghu mis-sena 1995 sallum jirrisjedu fuqu; multo magis fil-kaz bhal dak in dizamina fejn il-konvenut mhuwiex impjegat, u allura l-informazzjoni rigwardanti l-qligh tieghu tista' tigi fornita minnu biss.

Inoltre, il-Qorti ma tikkunsidrax bhala verosimili t-tezi tal-konvenut, li jahdem bhala bajjad, li l-introjtu tieghu baqa' l-istess ghax "ix-xoghol qed jonqos".

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha; u tikkunsidra wkoll li fil-kaz prezenti l-kontribut tal-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghall-bzonnijiet ta' binhom komuni, li llum ghandu circa 16- il sena, ghandu jigi awmentat ghal mija u sitta u tmenin Ewro [€186] fix-xahar, pagabbli lill-attrici bil-quddiem fir-residenza taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici; u ghall-fini tat-tieni talba tiffissa l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghal binhom C fl-ammont ta' mija u sitta u tmenin Ewro [€186] fix-xahar pagabbli bil-quddiem lill-attrici.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------